VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,945, 19 ta' Ottubru, 2022
Taqsima B

A.L. 258 tal-2022

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent flimkien mal-Ministru għal Għawdex u#wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 549.74.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira " "żona protetta" jew "żoni protetti" " għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

"L.S.549.42. "żona protetta" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (2) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "il-liċenza ġenerali tal-insib tal-għasafar," għandhom jiġu mħassra.